**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 75/2022**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**PIERRE VASSALLO**

**Illum, 6 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **PIERRE VASSALLO** ta' 42 sena iben Mario Vassallo u Carmen nee' Borg, imwieled Attard fis-26 ta' Frar 1979 u residenti ġewwa 54, Merħba, Triq tac-Cagħki, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0141279M li ġie akkużat talli fil-lejl bejn id-29 ta' Diċembru 2021 u t-30 ta' Diċembru 2021 fil-ħinijiet ta' bejn il-11.00 p.m. u s-02.00 a.m. rispettivament ġewwa r-Rabat (Malta) u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer :

1. Bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lis-sieħba tiegħu u cioe’ Catherine Abela

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b’mod ieħor lis-sieħba tiegħu Catherine Abela.

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band’oħra fil-kodiċi kriminali, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni

4. Bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, għamel reat li kellek d-dmir li tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir

5. Aktar talli għamel reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ erba’ xhur u ħmistax-il ġurnata sospizi għal ħames snin, mogħtija mill-Qorti ta’ Regusa (Italja) nhar it-3 ta’ Frar 2017 (IT-MT-NOT-000000000000096) – ‘Judge of Preliminary Investigation, Court of Ragusa’

6. Barra minn dan, l-imputat Pierre Vassallo huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, u Ragusa (l-Italja), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini ta’ Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Pierre Vassallo a benefiċju tas-sieħba tiegħu Catherine Abela u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' Catherine Abela u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Pierre Vassallo b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorit billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġi l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-imsemmi Pierre Vassallo sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur taqra l-akkużi u tikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-20 ta' Frar 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-każ huwa wieħed ta' vjolenza domestika kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat qed jiġi mixli in konnessjoni ma' inċident li seħħ fil-lejl bejn id-29 ta' Diċembru 2021 u t-30 ta' Diċembru 2021 meta allegatament, għall-ħabta tas-1.00 a.m. huwa sakkar il-bieb tal-kamra li għandu fil-limiti tal-Imtaħleb, fejn ġewwa kien hemm is-sieħba tiegħu, Catherine Abela, telaq minn fuq il-post u ħalliha waħedha msakkra f'din il-kamra.

**Mill-fatti li joħorġu mix-xhieda u l-provi li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni**, jirriżulta illi fid-29 ta' Diċembru 2021 Catherine Abela u l-imputat marru bil-vettura tal-imputat ġewwa l-kamra tiegħu li tinsab fl-imwarrab fil-limiti tal-Imtaħleb. Il-Qorti fehmet illi din il-kamra tinsab f'post iżolat u mhux faċli li wieħed isibha[1], fejn it-triq li tagħti għal din il-kamra tgħaddi bejn l-għelieqi u hija twila, mudlama u mħarrbta[2]. Catherine Abela ċemplet l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat fis-1.20 a.m. fejn instemgħet aġitata ħafna u infurmathom li s-sieħeb tagħha kien sakkarha ġewwa kamra ġo għalqa fid-dlam fl-Imtaħleb. Jirriżulta li sadanittant, Catherine Abela kienet diġa' ċemplet lil missierha Jesmond Abela fejn kienet qaltlu li Pierre Vassallo kien qafilha ġo kamra u telaqha hemmhekk waħedha.

Fis-1.00 a.m. Jesmond Abela kien mar l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat biex jagħmel rapport u jfittex l-għajnuna. Mix-xhieda jirriżulta illi in segwitu, Jesmond Abela akkumpanjat minn PS 2423 Charlene Delia u PC1112 George Buhagiar, marru l-Imtaħleb. Kien dlam ċappa iżda raw illi kien hemm katnazz impoġġi mal-bieb fuq barra. Għalkemm il-katnazz ma kienx imsakkar, il-bieb ma setax jinfetaħ minn ġewwa u kienu l-Pulizija li fetħu l-bieb billi ġibdu l-katnazz 'l isfel.

**L-imputat Pierre Vassallo** ma xehedx quddiem il-Qorti iżda kien irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija fit-30 ta' Diċembru 2021 wara li rrinunzja għad-dritt tiegħu għal assistenza legali[3]. F'din l-istqarrija, spjega li kellu xi jgħid mas-sieħba tiegħu Catherine Abela wara li telqu mill-każin ta' San Pawl, ir-Rabat, għaliex

[1] Ara xhieda ta' Jesmond Abela, 13 ta' Ġunju 2022 u xhieda ta' PC 1112 George Buhagiar 13 ta' Ġunju 2022.
[2] Ara xhieda ta' PS 2423 Charlene Delia, 28 ta' April 2022.
[3] Xhieda Spettur Audrey Micallef u Dok. AM2.

riditu jitlaq mill-każin kif ukoll minħabba li kien sellem lil xi mara. Waqt dan l-argoment hu kien għajjarha 'miġnuna'. Catherine saqet il-karozza tiegħu sal-kamra li għandu fl-Imtaħleb fejn kienu jmorru kuljum, iżda hemmhekk hi baqgħet tgħajjat u bdiet tagħtih bis-sieq, anke wara li daħlu fis-sodda u kien qalilha li kellu bżonn jorqod għaliex kien xogħol l-għada. Dak il-ħin ħareġ 'il barra jpejjep sigarett iżda Catherine ħarġet barra warajh għaliex ma kienetx qiegħda tafdah.

Ammetta li hu sakkar lil Catherine fil-kamra biex ikun jista' jaħrab minnha għaliex beża' li kienet ser tagħtih xi daqqa b'waħda mill-għodda tal-għalqa li kellu fil-kamra. Stqarr li huwa kien għalaq il-firroll tal-bieb tal-kamra minn barra u beda jċempel lill-Pulizija mill-Għassa tar-Rabat biex jgħarrafhom li kien sakkar lil Catherine fil-kamra. Bagħat ukoll messaġġ lil missieru biex jgħidlu jmur jiftaħilha. Imbagħad mexa sal-Landrijiet u minn hemmhekk sab lil xi ħadd biex iwasslu r-Rabat.

L-imputat sostna li r-relazzjoni ma' Catherine Abela kienet waħda turbolenti u ta' sikwit kien ikollhom argomenti fejn ipprovat tweġġgħu inkluż billi ppuntat senter u waddbet ġebla fid-direzzjoni tiegħu, u ferrxet fjuwil fuq is-saqqu tiegħu. Żied jgħid li m'hijiex f'sikitha għaliex tbati minn problemi mentali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli fl-ewwel imputazzjoni bir-reat taħt l-artikolu 86 tal-Kap. 9, aggravat bil-fatt illi l-vittma, Catherine Abela kienet is-sieħba tiegħu.

L-artikolu 86 tal-Kap. 9 jiddisponi illi huwa ħati ta' reat:-

"*Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, ubarra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat lijarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata ...*"

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo[4] fir-rigward tal-elementi materjali tar-reat taħt l-artikolu 86 tal-Kap. 9 jgħid:-

"*the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "*Il reato preveduto nell'articolo 169 *(our Section 86)* esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina ; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.*" (ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"

Għandu jingħad illi kif jirriżulta mill-bran su-ċitat, wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat taħt l-art. (illum) 605 (qabel l-art. 169) tal-Codice penale Taljana li jipotetizza r-reat tas-sekwestru tal-persuna, hi *la privazione di liberta'.* Għalkemm dan l-element m'huwiex imsemmi espressament fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, il-figura ġuridika tas-sekwestru kif imfisser fil-ġurisprudenza Taljana jibqa' indubbjament rilevanti għall-fini tal-interpretazzjoni tal-element materjali tas-sekwestru tal-persuna fl-imsemmi artikolu 86 tal-Kap. 9.

Dan l-element ġie imfisser hekk mill-Corte di Cassazione tal-Italja:

"*Per la realizzazione del reato di sequestro di persona, non occorre che la privazione della libertà sia attuata in modo da rendere assolutamente impossibile il recupero della libertà della vittima mediante autoliberazione: è sufficiente invero, che il soggetto passivo, non possa, anche in considerazione delle sue limitate capacità di reazione, superare con immediatezza, da sé medesimo, l'ostacolo posto alla sua libertà di movimento*".[5]

[4] Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40].
[5] Sezione II della Suprema Corte, con sentenza numero 3979 datata 20 marzo 1989.

In kwantu għall-grad tas-sekwestru jew żamma kontra l-volonta', jingħad illi mhux meħtieġ illi s-sekwestru jkun assolut u lanqas li l-liberta' personali jew il-liberta' tal-moviment tas-soġġett passiv ikun ġie eskluż b'mod assolut. Ir-reita' tissussisti anke f'każ fejn il-vittma tinqafel f'post imdaqqas fejn għalkemm ma jkunx imxekkel il-moviment tagħha, tinżamm milli toħroġ mill-post innifsu. Skont il-Manzini "*si ha privazione di liberta' ai sensi dell'art 605 del Codice penale in tutti i casi in cui il soggetto passivo, per liberarsi dalla costrizione impostagli, debba porre in essere mezzi straordinarji e non prontamente attuabili.*"[6]

Mhux meħtieġ lanqas li s-sekwestru jew żamma kontra l-volonta' jipperdura fuq medda ta' ħin jew żmien definittiv iżda ż-żmien irid ikun wieħed rilevanti u ġuridikament apprezzabbli, u mhux ipotetizzabbli r-reat ikkonsmat jekk is-sekwestru jseħħ biss b'mod istantanju għal ħin negliġibbli. Kwantu għall-element formali tar-reat, l-intenzjoni doluża ġenerika tikkonsisti fil-volonta' tal-aġent tar-reat li jirrestrinġi l-liberta' tal-moviment personali tas-soġġett passiv.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti hi tal-fehma li l-elementi kollha kostituttivi tar-reat taħt l-artikolu 86 tal-Kap. 9 ġew debitament ippruvati fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali għal dan l-istess reat. Mill-ġabra tax-xhieda li ressqet 'il quddiem il-Prosekuzzjoni, hu stabbilit illi Catherine Abela kienet maqfula fil-kamra fl-għalqa għaliex l-imputat kien poġġa katnazz mal-bieb fuq barra b'mod li minn ġewwa, il-bieb, għad li mhux imsakkar, ma setax jinfetaħ. Fil-fatt, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni huma konkordi li hija ma setgħetx tiftaħ il-bieb u toħroġ mill-kamra minħabba l-mod kif il-bieb ingħalaq minn barra. Dan hu ammess ukoll mill-imputat innifsu fl-istqarrija fejn stqarr li hu sakkar lil Catherine fil-kamra biex ikun jista' jaħrab minnha u dan billi għalaq il-firroll tal-bieb tal-kamra minn barra. Stqarrija li tafferma wkoll li l-imputat aġixxa pożittivament bl-intenzjoni li jirrestrinġi l-kapaċita' tal-vittma li toħroġ mill-kamra.

[6] Diritto Penale, Parte Speciale (L. Delpino) IX Edizione (1996), p. 729 (ref. Art. 605).

Għalkemm huwa minnu li fil-każ in diżamina jirriżulta li l-kamra kien fiha tieqa jew apertura li tagħti fuq barra, mhux ippruvat u minn imkien ma jirriżulta illi din setgħet tinfetaħ jew jekk kienetx tipprovdi mezz ta' ħruġ mill-kamra. Fi kwalsiasi każ iżda, il-Qorti tqis illi huwa irrilevanti l-fatt li seta' kien hemm mezzi oħrajn ta' ħruġ mill-kamra għaliex kif rajna, mhux metieġ għar-reita' li s-sekwestru jkun assolut.

Din il-Qorti diversament preseduta, f'sentenza tal-25 ta' Frar 2015[7], għamlet riferenza għall-kummenti ta' Maino fil-ktieb tiegħu *Commento al Codice Penale* in konnessjoni mar-reat tas-sekwestru tal-persuna:

"*Ne finalmente, si richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in cirostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita di scampo e di soccorso. Cosi fuq giudicato non valere ad escludere il reato la circostanza che il sequestrato si potesse liberare facendo quello che il sequestrante gli imponeva di fare, ne che le porte non fossero tutte chiuse, quando in realta il sequestrato era impedito d'andarsene ... ...*"[8]

Hu stabbilit ukoll li Catherine Abela ġiet imsakkra fil-kamra kontra l-volonta' tagħha għaliex mix-xhieda tal-persuni li kellmuha bit-telefon meta ċemplet biex tirrapporta li l-imputat kien qafilha fil-kamra, u x-xhieda tal-persuni li marru fuq il-post biex jassistuha, jirriżulta illi hija kienet imwerwra bil-fatt li kienet maqfula waħedha fil-kamra fl-imwarrab. Missierha, Jesmond Abela, xehed illi meta ċemplitlu kienet qiegħda "*tonfoħ u tibki*", "*tibki u twerżaq ... imwerwra*". Dan jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' PC 2152 Sue Ellen Haber li ħadet it-telefonata mill-Control Room tal-Pulizija, fejn xehdet illi Catherine Abela kienet aġitata u ppanikkjata ħafna u bdiet tibki. PC 1112 li kien mar fuq il-post flimkien ma' missierha, xehed li bdiet twerżaq minn ġewwa l-kamra "*oħorġuni minn hawn, oħorġuni minn hawn*". Kif rajna wkoll, ix-xhieda hi konkordi li l-kamra fejn inqaflet Catherine Abela tinsab fl-imwarrab f'nofs l-egħlieqi u 'l bogħod minn djar residenzjali oħrajn.

---

[7] **Il-Pulizija (Sp. Pierre Micallef Grimaud) v. Philip Camilleri et**.
[8] Maino, Ed. 1890 parte 1 pag. 434 para 751.

Mill-kumpless tal-provi l-Qorti hi sodisfatta li bl-azzjonijiet tiegħu, ċioe' meta għalaq il-bieb tal-kamra b'katnazz fuq barra u telaqha waħedha fil-kamra, l-imputat żamm lil Catherine Abela milli toħroġ liberament mill-kamra u konsegwentement, issekwestraha kontra l-volonta' tagħha. Jirriżulta wkoll li dan is-sekwestru pperdura għal ħin apprezzabbli għaliex Catherine Abela kellha ċċempel lill-Control Room tal-Pulizija kif ukoll lil missierha biex tkun tista' toħroġ u tabilħaqq damet sekwestrata fil-kamra fil-kamra mingħajr mezz ordinarju ta' ħruġ, sakemm waslu l-Pulizija fuq il-post u fetuħlha.

Il-Qorti tqis ukoll li r-raġuni mogħtija mill-imputat biex jiġġustifika l-azzjonjiet tiegħu, ċioe' li kien qed jibża' li Catherine Abela taggredih u tweġġħu, huma pwerili u ferm fjakki għaliex ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li turi li kienet ħebbet għalih wisq inqas li sawtitu. Il-messaġġ li allegatament intbagħat mill-imputat lil missieru[9], ma jistax jingħata wisq valur probatorju għaliex mhux ippruvat kif imiss li dan il-messaġġ tassew intbagħat lil xi ħadd, wisq inqas lil missieru, u fil-fatt ma xehed ħadd biex jikkonferma li dan il-messaġġ wasal għandu.

Fuq kollox, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-azzjoni estrema magħżula mill-imputat kienet l-unika soluzzjoni disponibbli fiċ-ċirkostanzi u li ma setax jirkorri għal rimedji oħrajn biex jevita l-allegat aggressjoni tal-vittma, u f'kull każ, żgur li ma kien hemm xejn x'iżommu milli jibqa' fuq il-post u jibgħat għall-assistenza. Filwaqt li huwa minnu illi l-imputat kien ċempel lill-Għassa tal-Pulizija huwa stess biex jgħarrafhom li kien sakkarha fil-kamra, dan ma jnaqqas xejn mill-prova tal-elementi kollha tar-reat u jista' jkollu rilevanza biss għall-fini tal-piena[10], bl-istess mod li l-maħfra tal-vittma f'dan il-kaz tista' biss taġevola lill-imputat fir-rigward tal-piena iżda mhux li teżawrixxi l-proċediment kriminali.

---

[9] Dok. AM4, paġna 33 tal-atti proċesswali.

[10] Mix-xhieda ta' PS 1469 Emerson Borg illi l-imputat kien tassew ċempel l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat biex jinforma li kellu argoment mat-tfajla tiegħu u kienet aggressiva miegħu u ħarab mid-dar bil-mixi u għalkemm ġie mfittex mill-Pulizija fl-inħawi, ma kienx instab hemmhekk. Il-messaġġ li allegatament intbagħat mill-imputat lil missieru, ma jistax jingħata valur probatorju għaliex ma jirriżultax li dan il-messaġġ tassew intbagħat lil xi ħadd, u ħadd ma xehed li rċevih.

L-aggravanti taħt l-artikolu 87(1)(h) huwa wkoll ippruvat għaliex id-delitt sar fuq is-sieħba tal-imputat li hija persuna msemmija fl-artikolu 202(h)(vi) tal-Kap. 9, ċioe' persuna li tkun f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll illi "*insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu Catherine Abela*"

Din l-imputazzjoni iżda, ma jidhirx li hi msejsa fuq xi dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali u fil-fatt, il-Qorti ma riskontrat ebda dispożizzjoni li tippunixxi min jinsulenta, jhedded jew jinġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil persuna oħra.

L-iktar reat imsawwar bi kliem simili għall-kliem tar-"*reat*" addebitat fit-tielet imputazzjoni hi r-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Iżda l-imputat qed jiġi mixli espressament b'dan ir-reat kontravvenzjonali fit-tielet imputazzjoni, ċioe' li għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi, jew jekk ġie pprovokat, inġurjaha b'mod li ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Huwa minnu li ġie ppruvat mix-xhieda ta' PC 2152 Sue Ellen Haber li Catherine Abela ċemplet lill-Control Room tal-Pulizija għall-ħabta tal-11.30 p.m. fid-29 ta' Diċembru 2021 fejn irrapportat li kien hemm pulizija li beda jgħajjarha miġnuna. Din ix-xhieda ma ġietx sorretta bix-xhieda tal-allegat vittima nnifisha għaliex kif rajna, għażlet li ma tixhidx u l-Qorti għandha quddiemha biss ix-xhieda tal-persuna li rċeviet ir-rapport dwar dan it-tgħajjir liema xhieda madankollu, filwaqt li tikkostitwixxi prova tal-fatt li dan it-tgħajjir ġie rapportat minn Catherine Abela, mhux biżżejjed waħedha biex tiswa bħala prova tal-fatt li tassew seħħ it-tgħajjir rapportat. Huwa minnu li l-imputat fl-istqarrija ammetta li kien għajjar lil Catherine Abela

miġnuna iżda l-Qorti hawnhekk sejra tqis li l-vittma ħafret lill-imputat u għalhekk il-proċediment fir-rigward ta' dan ir-reat kontravvenzjonali jinsab eżawrit.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll taħt l-artikolu 141 tal-Kap. 9 li jipprovdi:

"*Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad*".

Jeħtieġ għalhekk li jiġi stabbilit jekk l-imputat huwiex uffiċjal jew impjegat pubbliku.

Mix-xhieda ta' PC2227 Barbara Ann Pace u d-dokument esebit mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-Korp tal-Pulizija, jirriżulta illi l-imputat huwa uffiċjal tal-Pulizija fil-grad ta' kuntistabbli bin-numru tas-servizz 906, daħal iservi bħala membru tal-Korp tal-Pulizija fit-28 ta' Frar 2003 u kien għadu membru tal-Korp fid-data tal-kommissjoni tar-reati addebitati lilu f'din il-kawża[11].

L-artikolu 92 tal-Kap. 9 li nsibuh taħt is-Sub-Titolu II intestat '*Fuq l-Inġurji u Vjolenza kontra Uffiċjali Pubbliċi*', dejjem taħt il-kappa ta' delitti kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra, jiddisponi li taħt il-frażi ġenerali "*uffiċjal pubbliku*" jidħlu l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, fost il-persuni l-oħra kollha li jkunu maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra. Indiskutibbilment, il-Korp tal-Pulizija hu awtorita' ċivili kostitwita bis-saħħa tal-

[11] Dok. BAP.

Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Mata[12] li tifforma parti mill-awtorita' eżekuttiva tal-Istat u għalhekk, uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija huma meqjusa bħala uffiċjali pubbliċi.

M'huwiex kontestat illi l-imputat ma kienx, meta wettaq ir-reat taħt l-artikolu 86 u 87 tal-Kap. 9, qed jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' uffiċjal tal-Pulizija jew dmirijiet uffiċjali jew marbutin mal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu. Madanakollu, l-interpretazzjoni paċifika fil-ġurisprudenza in materja tal-iskop tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni legali hi fis-sens illi l-piena għandha tiġi miżjuda f'kull każ fejn uffiċjal jew impjegat pubbliku jinstab ħati ta' kull reat minbarra r-reati li wieħed mill-elementi materjali kostituttiv tagħhom hu l-karattru ta' uffiċjali jew impjegat pubbliku tal-aġent tar-reat. Korollari ta' dan hu l-fatt illi meta kull reat ieħor minbarra dawk appena msemmija, jiġi mwettaq minn uffiċjal pubbliku li "*kellu jissorvelja biex* (ir-reat) *ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi"*, il-piena għandha tiġi miżjuda bi grad bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kap. 9.

Il-Prof. Mamo fin-Noti tiegħu in materja tal-artikolu 141 tal-Kap. 9, jgħid hekk:-

"*Thus, the members of the Police Force whose duty, by law, it is to prevent offences and to provide for their punishment, if they render themselves guilty of <u>any</u> offence, they cannot escape this aggravation in punishment. Similarly,* ***other public officers in respect of specific offences which they are appointed to prevent or repress****, as for instance, Customs guards or officers in regard to Customs offience. Nor is it necessary to inquire whether the offence is commited by the public officer or servant 'in the discharge of his duties'. This is not required by the law ...*"

Issa fil-każ in diżamina, l-imputat, uffiċjal pubbliku, wettaq delitt kontra l-amministrazzjoni pubblika li jirrientra taħt is-sub-titolu I '*Fuq min jieħu f'idejh bla jedd l-awtorita' pubblika u s-setgħat li bihom hija tinqeda*', speċifikatament delitt konsistenti fl-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat tal-awtorita' pubblika. Bħala uffiċjal tal-Pulizija l-imputat huwa mogħni b'awtorita' pubblika biex b'mod ġenerali

[12] Kap. 164 – L-Att dwar il-Pulizija.

jipprevjeni li jsiru reati kriminali[13] iżda mhux hekk biss: bħala uffiċjal pubbliku huwa mistenni b'mod speċifiku li ma jużax is-setgħat tal-awtorita' pubblika kontra l-liġi. **Iżda fil-każ in diżamina, jirriżulta li l-imputat ikkommetta reat li jikkonsisti tabilħaqq fl-użu ħażin, mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, tal-awtorita' pubblika tiegħu. Kemm hu hekk, kien il-mansjoni tal-imputat bħala uffiċjal tal-Pulizija li jassisti lil persuni li jinsabu miżmuma jew sekwestrati mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti kontra l-volonta' tagħhom – bħalma għamlu l-kollegi tiegħu PC 2423 Charlene Delia u PC 1112 George Buhagiar – u mhux ikun hu stess l-aġent tar-reat ta' sekwestru illegali tal-persuna**.

Għaldaqstant, l-artikolu 141 tal-Kap. 9 isib riskontru fil-każ in diżamina u l-piena fuq sejbien ta' ħtija tar-reat taħt l-artikolu 86 u 87(1)(h) tal-Kap. 9 għandha tiżdied bi grad.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' erba' xhur u ħmistax-il ġurnata priġunerija sospiżi għal ħames snin, liema sentenza ngħata mill-Qorti ta' Ragusa (Italja) fit-3 ta' Frar 2017.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi mingħajr kopja awtentikata tas-sentenza msemmija fl-akkużi, m'hijiex f'pożizzjoni li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 28B tal-Kap. 9 għaliex m'għandhiex prova ta' f'hiex jikkonsistu l-kundizzjonjiet sospensivi tas-sentenza u f'liema ċirkostanzi għandu jiġi ordnat li s-sentenza tidħol fis-seħħ. Il-Prosekuzzjoni produċiet fl-atti biss dokument li ġie stampat mill-European Criminal Records Information System (ECRIS)[14] li fih tagħrif dwar ir-reat kommess, ix-xorta tas-sentenza, l-awtorita' ġudizzjarja li erogat is-sentenza u d-data relattiva, iżda xejn iktar minn hekk. Ta' min jinnota wkoll illi l-prova tal-identita' tal-imputat ma saritx

[13] Artikolu 4(a) tal-Kap. 164: "*L-objettivi tal-Korp huma : li jżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix li jsiru reati, li jġib 'il quddiem u jwettaq it-tħaris tal-liġijiet ...*"
[14] Dok. AM3.

kif imiss stante illi fuq id-dokument in diżamina, l-unika riferenza għall-ħati huwa l-isem "***Pirre** Vassallo*"[15] u d-data tat-twelid "*26/02/1979*", mingħajr ebda konnotati oħra (għajr għall-post tat-twelid) li jistabbilixxu b'ċertezza li l-persuna indikata (li għandha isem differenti) huwa l-imputat odjern u ħadd iktar. Dawn il-konnotati tal-persuna misjuba ħatja taħt is-sentenza in diżamina, żgur li m'humiex esklussivi għall-imputat odjern.

Fuq kollox iżda, hi mankanti s-setgħa ġurisdizzjonali ta' din il-Qorti li tordna li jidħol fis-seħħ sentenza sospiża erogata minn qorti jew awtorita' ġudizzjarja barranija. L-artikolu 28B tal-Kap. 9 jagħti s-setgħa lil din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tittratta mal-persuna li tkun instabet ħatja quddiemha għar-rigward ta' sentenza sospiża li tkun ingħatat biss mill-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28Ċ tal-Kap. 9:

*"(1) Ħati jista' jiġi trattat dwar sentenza sospiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mill-Qorti Kriminali jew, meta s-sentenza tkun ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati, minn dik il-qorti.*
*(2) Meta wieħed jinstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati ta' reat ligħalih hemm piena ta' priġunerija u l-qorti tkun sodisfatta li r-reatsar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti Kriminali, dik il-qorti għandha tibgħatu taħt arrest jew bi pleġġ quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jiġi trattat dwar dik is-sentenza sospiża: ..."*

Dan ifisser li din il-Qorti ma tistax tittratta lill-imputat odjern li qed jinstab ħati ta' delitt, dwar sentenza sospiża li tkun ingħatat minn qorti barranija u konsegwentement, ma tistax tordna li din is-sentenza tidħol fis-seħħ jew timxi b'xi miżura oħra kif maħsub fil-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 28B(2) tal-Kap. 9. Wisq inqas tista' tagħmel dan fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina fejn tkun qiegħda tużurpa l-awtorita' ġudizzjarja ta' qorti barranija mingħajr, ukoll, lanqas m'għandha quddiemha kopja tas-sentenza bil-partikolaritajiet meħtieġa.

[15] Enfasi tal-Qorti. Mhux "*Pierre*".

Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi in konklużjoni, il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bħala reċidiv. In sostenn ta' dan l-addebitu, esebiet kopja fotostatika ta' żewġ sentenzi, mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta it-tnejn fit-23 ta' Frar 2017 u fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Vassallo**[16], fejn il-ħati li għandu l-istess konnotati bħal dawk tal-imputat odjern, tqiegħed fiż-żewġ każijiet, taħt Ordni ta' Probation għal tliet snin. Għalkemm l-Assistent Reġistratur tal-Qorti fix-xhieda tagħha kkonfermat illi kien ingħata sentenza fil-konfront ta' Pierre Vassallo fit-23 ta' Frar 2017, fl-ebda waqt ma għamlet riferenza għal xi waħda miż-żewġ sentenzi li kopja informi tagħhom ġia' kienu esebiti fl-atti proċesswali (Dok. AM1 u Dok. AM2) u baqgħet ma produċietx kopja awtentikata u legali ta' dawn is-sentenza jew waħda minnhom. Fi kwalsiasi każ, huwa assodat fil-ġurisprudenza illi s-sanzjonijiet maħsuba taħt l-Att dwar il-Probation - billi jingħataw bħala alternattiva minflok piena - ma jikkostitwixxux "*kundanna*" għall-fini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 u konsegwentement, mhumiex prova tajba tal-addebitu tar-reċidiva.

Tassew l-Assistent Reġstratur tal-Qorti ikkonfermat ukoll, fix-xhieda tagħha, li kienu ngħataw żewġ sentenzi oħra fis-26 ta' Ottubru 2012 u fit-28 ta' Jannar 2016 minn din il-Qorti diversament preseduta, iżda ma ġewx esebiti kopji ta' dawn is-sentenzi fl-atti proċesswali.

Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipproduċi l-fedina penali tal-imputat għalkemm, għandu jingħad illi kif inhuwa assodat fil-ġurisprudenza in materja, din m'hijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva. L-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in

---

[16] Dok. AM1 u Dok. AM2.

diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat odjern għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant, l-imputat mhux ser jinstab ħati li huwa reċidiv.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti hawnhekk tosserva illi Catherine Abela, meta ġiet imħarrka f'dawn il-proċeduri biex tixhed dwar ir-reati allegatament kommessi għad-detriment tagħha, ma xehdtix għaliex qalet li hija ħafret lill-imputat u l-għada stess tal-inċidenti huma kien reġgħu irrikonċiljaw u ssoktaw bir-relazzjoni tagħhom. Meta talbet minn jeddha biex terġa' tixhed, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2022, Catherine Abela talbet it-twaqqif tal-proċeduri għaliex l-imputat kien għamel program ta' rijiabilitazzjoni mill-vizzju tax-xorb u r-relazzjoni tagħhom kienet marret għall-aħjar. Din it-talba kienet ġiet miċħuda mill-Qorti għar-raġunijiet li ġew reġistrati fil-verbal tas-seduta msemmija u dan a tenur tal-artikolu 543(e) tal-Kap. 9.

Illi fil-fatt, għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, ewlenin fosthom il-fatt illi l-vittma tar-reat, Catherine Abela, kienet ħafret lill-imputat u kienet

saħansitra talbet li l-proċeduri fil-konfront tiegħu jitwaqqfu għaliex ir-relazzjoni tagħhom kienet marret għall-aħjar wara li l-imputat kien għamel program ta' rijabilitazzjoni kontra l-vizzju tax-xorb alkoħoliku. Ħadet qies ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn għalkemm tassew l-imputat issekwestra lill-vittma f'kamra imsakkra fid-dlam u fl-imwarrab u telaqha waħedha hemmhekk, huwa ħa ħsieb li jċempel l-Għassa tal-Pulizija mhux ħafna ħin wara biex jgħarrfuhom b'dak li kien għamel u biex jagħtuha l-għajnuna.

Fuq kollox, qieset il-fatt illi l-imputat għandu bżonn l-għajnuna għaliex evidentement, skont kif jirriżulta minn eżami tar-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation li segwa lill-imputat taħt Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni, huwa jbati minn dipressjoni u instabbilita' emozzjonali, magħdud dan ukoll il-vizzju tax-xorb. Madankollu, jidher li l-imputat qiegħed jindirizza pożittivament dan il-vizzju billi kien ipparteċipa f'program residenzjali fi ħdan il-Fondazzjoni OASI bejn Awwissu 2022 u Ottubru 2022 kif ukoll ġie kkurat fl-Isptar Monte Karmeli fis-sajf tal-2023, filwaqt li fil-preżent qiegħed jiġi segwit attivament minn tim ta' psikajtri mill-Imtarfa Mental Health Clinic. Jirriżulta wkoll mill-indaġnijiet li għamlet l-Uffiċjal tal-Probation illi l-imputat għandu bżonn interventi psikoloġiċi biex jibqa' jingħata l-għajnuna biex jitgħallem jikkontrolla l-ansjeta' tiegħu u jistabbilizza ruħu fuq livell emozzjonali. Fl-istess waqt jidher illi jħobb ix-xogħol tiegħu bħala membru fil-Korp tal-Pulizija u jibża' ħafna li jitlef dan ix-xogħol.

L-Uffiċjal tal-Probation fasslet is-segwenti pjan ta' kura għall-imputat:-

"*Jirriżulta li l-imputat jgħix ħajja pjuttost stabbli fejn il-fatturi l-iżjed li jispikkaw kienu dawk emozzjonali. Għaldaqstant huwa importanti li Pierre ikompli jingħata l-kura neċessarja kemm psikjatrika kif ukoll psikoloġika sabiex jitgħallem jikkontrolla l-ansjeta' tiegħu u jimmatura emozzjonalment. Huwa importanti wkoll li l-imsemmi jkompli jieħu l-kura mediċinali sabiex iżomm stabbilita' emozzjonali.*"

**Il-Qorti fehmet li l-imputat m'huwiex persuna kriminali u huwa konxju tal-isfidi psikoloġiċi li għandu u l-bżonn ta' trattament – fil-fatt, kif rajna, huwa għamel sforzi notevoli biex jipprova jegħleb il-vizzju tax-xorb b'riżultati pożittivi. Fehmet ukoll illi f'dan il-każ l-azzjonijiet kriminużi tiegħu setgħu wkoll kienu frott ta' impulsivita' naxxenti minn instabbilita' emozzjonali li wkoll l-imputat qed jindirizza b'mod attiv.**

**Għalhekk, kollox magħdud, hi konvinta illi l-iktar piena idonea hija sanzjoni fil-komunita' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 446, minkejja l-fatt illi l-piena għar-reat taħt l-artikolu 86 u l-artikolu 87(1)(h) tal-Kap. 9, kif aggravat bl-applikazzjoni wkoll tal-artikolu 141 tal-Kap. 9, huwa punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin[17]. Dan qed jingħad għaliex ikkunsidrati fl-assjem tagħhom, il-fatturi kollha fuq elenkati jgħoddu bħala ċirkostanzi li jimmeritaw li l-imputat titqiegħed taħt Ordni ta' Probation skont kif maħsub fl-ewwel proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation minflok piena ta' priġunerija li, fil-fehma tal-Qorti, żgur li m'hijiex piena idonea f'dan il-każ.**

**Il-Qorti tqis illi s-sorveljanza tal-imputat minn uffiċjal tal-Probation hi neċessarja sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika u okkorrendo wkoll psikjatrika, li jeħtieġ biex jindirizza b'mod strutturat l-isfidi emozzjonali u l-problemi psikoloġiċi mingħajr ma jerġa' jirkorri għall-kriminalita' u biex ikollu sorveljanza minn persuni professjonali bil-għan li ma jerġax jaqa' lura fil-vizzju tax-xorb, jibqa' miexi fit-triq tar-rijabilitazzjoni, jgħix ħajja bieżla, jibni fuq il-valuri u aspetti pożittivi ta' ħajtu u jkun ta' eżempju tajjeb għal bintu minuri.**

**Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 31, 86, 87(1)(h), 141 u 202(h)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil PIERRE VASSALLO ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda bl-applikazzjoni tal-**

[17] Punibbli bi priġunerija minn tmintax-il xahar sa disa' snin.

**artikolu 7(1) u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**